

*Il-manuskritt tal-poeżija li qiegħda tidher hawn taħt, "Bebbux Abjad".*

## BEBBUX ABJAD

Fil-firxa wiesgħa ddur bejn Għajn Tuffieħa
Tħaddar u l-kenn tal-Ġnejna, tfuħ, dellija,
Hemm taż-Żinġier ix-Xagħra, mergħa xħiħa
Ta' bhejjem, imġewħin: fejn tal-Lippija
It-Torri jgħasses waħdu l-medda sħiħa
Ta' l-ilmijiet tal-baħar kaħlanija.
Jekk tħares fil-Punent dehra sabiħa
Tfiġġlek quddiem għajnejk mgħammxin bid-dija.
Iżda jekk tħares qrib, bejn il-blajtiet
Indaf tax-Xagħra, tilmaħ il-bebbux
Abjad, jinħabb, ibejjet, nislu jkattar:
Saqaf li jkennu? Ajru, sħab, smewwiet;
Żina ta' daru? Sagħtar u lellux;
Kobor jew ċokon hawn lil Alla jħabbar.

**Mġarr, 6 – 12 – 60**